MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2003

Avviz Numru. 561/1996/1

**Charles Xuereb**
**vs**
**Joseph Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat li, prevja dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’ ghall-akkadut, tersaq ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni minnu kkagunati lill-attur fl-incident awtomoblistiku li sehh fit-13 ta’ Jannar 1996 waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni I-9202 (M) u waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura numru ta’ registrazzjoni H-0104 (M) liema incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess konvenut, liema danni ghandhom jigu likwidati minn dina l-Qorti, okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni. Ghall-finijiet ta’ tassazzjoni l-ammont miltub ma jeccedix Lm500. Bl-imghax u bl-ispejjez.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 6 tal-atti) u li biha ecepixxa:

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-incident gara bi htija unika tal-istess attur li, mumenti qabel il-habta, kien qed isuq totalment fuq in-naha hazina tat-triq u b'hekk ingombra l-passagg liberu tal-attur meta dan hareg minn posizzjoni stazzjonarja ghal-kareggjata tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni

Ikkunsidrat

Illi dan l-incident stradali kien gie nvestigat minn WPS 167 Natalie Grech Briffa li esebiet kopja tar-rapport kif ukoll l-iskizz (fol 33 u 38 tal-istess atti) flimkien ma 'rough sketch' u in-notamenti kollha relattivi ghal dan il-kaz. Mill-istess skizz jidher li dan l-incident gara fil-kantuniera bejn Triq il-Konti Ciantar u Triq Dun Mauro Inguanez f'Birkirkara, u li fih kienu nvoluti zewg vetturi, dik misjuqa mill-konvenut, bin-numru I-9202 u l-ohra misjuqa mill-attur, bin-numru H-0104. Dwar l-istess incident, l-attur oltre li esebixxa b'nota d-dokument (a fol 11 sa fol 17 tal-atti), xehed (fol 28 u fol 42 tal-atti) li kien qieghed niezel fi Triq Dun Mauro Inguanez fejn kien hemm karozzi parkeggati fuq iz-zewg nahat tal-istess triq. Waqt li kien qed ifittex spazju sabiex jipparkeggja l-vettura misjuqa minnu, fi kliemu stess, 'F'daqqa wahda fuq in-naha tar-'right' tieghi, minn 'side street' fejn kien hemm 'stop sign' hareg il-konvenut u tani daqqa', liema daqqa kienet fuq il-mudguard ta' quddiem tal-lemin. Dwar dan jidher li l-attur ma tantx qabel mal-iskizz esebit in atti. Infatti hu semma (fol 42 u 44 ibid) li l-istess daqqa kienet fuq il-genb tal-mudguard tal-lemin tal-karozza tieghu u mhux fuq il-fanal kif hemm muri. In oltre (a fol 44) hu qal ukoll, li ma kienx jaqbel mal-pozizzjoni tal-vetturi kif murija fuq l-istess skizz

u fuq stedina ta’ l-istess Qorti ssottometta l-iskizz, maghmul minnu ‘seduta stante’ u li jinsab a fol 47 ibid (Ara wkoll dak li xehdet Joanne Xuereb a fol 54 ibid).

Illi l-attur ipproduca r-rapresentant tal-assikurazzjoni tieghu ‘Fogg Insurance Agencies Limited’ (fol 57 u fol 58 tal-atti). Dan xehed li kien ikkomunika ma’ Tony Callus, ir-rapresentant tas-socjeta assikuratrici tal-konvenut u dwar dan qal, ‘wara li ddiskutejna r-rapport tal-Pulizija, Callus deherlu li l-assigurat taghhom kellu t-tort ta’ l-incident’. In oltre jidher li kien sar ukoll access fuq il-post tal-incident fejn kienu ttiehdu ritratti (li ma gewx esebiti f’dawn l-atti kif ukoll fejn l-istess Callus kien qal lill-konvenut illi dan ‘kellu t-tort’. Pero l-konvenut kien sahaq li l-incident ma kienx tort tieghu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, difatti, meta xehed <u>il-konvenut</u> (fol 62 u 63 ibid) dan sostna li fejn gara l-incident in ezami hi “T junction” u li hu kien tiela ‘mill-parti ta’ isfel ta’ din it-‘T-junction’ cioe Triq il-Konti Ciantar. Hu waqaf meta wasal ma’ ‘stop sign’ (ara l-pozizzjoni ta’ dan is-sinjal kif muri a fol 38 ibid) u <u>dar lejn ix-xellug</u> ‘fejn fuq in-naha tieghu kien hemm zewg karozzi pparkjati.’ Kif tfacca fi Triq Dun Mauro Inguanez, hu kien ra lill-attur gej mid-direzzjoni opposta ghalih fi kliemu stess ‘wrong side, ossija fuq in-naha tieghu ukoll u kien gej lejja, mid-direzzjoni opposta ghalija’. In rigward dan, il-konvenut, dan semma ‘Minhabba l-angolu tal-bankina (fuq ix-xellug tieghu kif jidher mill-iskizz imsemmi) u tal-karozzi (parkeggjati fuq ix-xellug tieghu) ma stajtx narah’ izda meta rah, hu fi kliemu stess ‘. . . htaft il-‘brake’’ Minhabba dan, il-vettura misjuqa minnu, <u>intlaqtet fuq ix-xellug u mhux fuq il-lemin</u>, kif jidher ukoll minn fuq l-istess skizz. Il-konvenut issottoliena li kien jaqbel mal-istess skizz hlief u in rigward il-kejl tal-marki ta’ ‘brakes’ ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda tieghu. Fl-ahhar nett, in kontro ezami, hu zied jghid li wara l-incident in ezami, kienu ghaddew vetturi ohrajn minn fuq in-naha tax-xellug tal-vettura misjuqa mill-attur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, valutati l-provi prodotti mill-partijiet kif hawn fuq sintetizzati, ghandu jinghad minnufih li skond kif jinghad f'artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta l-oneru tal-prova ta' fatt ghandu jkun fuq il-parti li tallega l-istess fatt. Ghalhekk f'dan il-kaz kien jinkombi lill-attur sabiex jipprova li l-konvenut, meta grat din il-habta, kien qed isuq b'mod negligenti kif hemm allegat fl-avviz in ezami. Mill-ezami ta' l-istess provi certament ma jirrizultax li effettivament il-konvenut kien qed isuq b'dan il-mod. Anzi hemm indikazzjoni cara li l-attur stess kien ghal xi raguni mhux cara qed isuq fuq in-naha l-hazin tat-triq u dan il-fattur jidher li kienet il-kawza ta' l-istess incident.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------